# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 26 ta' Jannar, 2022.**

**Numru 10**

**Rikors maħluf numru 347/2014/1 SM**

**Dr Gabriella Fumia**

***v.***

**Direttur Ġenerali *Veterinary and Phytosanitary Regulation Department*, illum Direttur Ġenerali għall-Ħarsien tal-Animali u Servizzi Veterinari; Onorevoli Ministru għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u Tibdil fil-Klima; u l-Onorevoli Prim Ministru**

1. Dan huwa appell tal-attriċi minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-4 t'Ottubru 2017 li ċaħdet it-talbiet kollha tagħha peress li sabet li dawn imorru kontra l-ftehim kollettiv tal-1 ta' Marzu 20 milħuq mal-kategorija veterinarja fi ħdan is-Servizz Pubbliku 13 u kontra d-disposizz-joni tal-art. 110 (1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

2. Il-fatti li wasslu għall-kawża tallum huma dawn: l-attriċi kienet ġiet impjegata bħala *expatriate veterinarian* fi ħdan il-*Veterinary Services*

*Regulation Department* fit-28 ta' Marzu 2006. Peress li dak iż-żmien kien hemm nuqqas kbir ta' tobba veterinarji ma kienet inħarġet l-ebda sejħa għal applikazzjonijiet għal din il-ħatra partikolari iżda l-attriċi kienet intgħażlet b'mod dirett, wara rakkomandazzjoni diretta, u l-ħatra ġiet ekwiparata fl-iskala numru ħamsa (5) fiċ-ċivil.

3. Fl-10 t'April tal-2006, ftit jiem wara li kienet ġiet impjegata għall-ewwel darba bħala *expatriate veterinarian*, l-attriċi bdiet tokkupa l-karika ta' "veterinarju uffiċjali" fi ħdan l-istess dipartiment. Ingħatat kuntratt għal żmien definit ta' sena, u dan il-kuntratt kien jiġi mġedded minn sena għal sena. Dak iż-żmien ma kinitx tifforma parti mill-hekk imsejjaħ "*veterinary stream*".

4. Sussegwentement l-attriċi applikat għall-ħatra ta' uffiċjal veterinarju u ntgħażlet sabiex tokkupa din il-karika b'seħħ mill-1 t'Awissu 2010. Bil-ħatra tagħha bħala uffiċjal veterinarju hi bdiet tappartjeni għall-klassi tal-mediċina veterinarja, l-hekk imsejħa "*veterinary stream,*" għall-ewwel darba[1].

5. Fl-2013 l-attriċi kienet applikat għall-karika ta' *senior veterinary officer* fi ħdan l-istess dipartiment, iżda ma ntgħażlitx.

6. Wara li għamlet diversi talbiet l-attriċi ġiet mgħarrfa b'ittra imsejħa "ittra ta' ħatra ta' uffiċjal" datata l-25 t'Ottubru 2013 illi l-Prim'Ministru kien approva l-ħatra tagħha bħala "*officer in scale 5*" għal żmien indefinit b'seħħ mit-28 ta' Marzu 2010 u bis-salarju hemmhekk indikat. Din l-ittra tgħid hekk:

---

[1] Ara *foll.* 87, 88, 362 tal-proċess. L-attriċi bdiet tifforma parti mill-imsemmija *veterinary stream* bis-saħħa tal-grad sostantiv u permanenti tagħha ta' uffiċjal veterinarju fi skala tmienja.

»Għandi pjaċir ngħarrfek li, fuq rakkommandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, il-Prim Ministru approva li inti tinħatar *Officer in scale 5* għal perjodu indefinit b'seħħ mit-28 ta' Marzu 2010 b'salarju ta' €21,810.00 × €640.67 - €25,654.00 fis-sena.

»B'hekk il-kuntratt definit tiegħek inbidel għal wieħed indefinit, u għalhekk din l-ittra għandha l-iskop li tieħu post il-kuntratt oriġinali li kien wieħed għal terminu ta' żmien fiss. Madanakollu, inti tibqa' tgawdi l-benefiċċji kollha tal-kuntratt definit sakemm tibqa' taqdi d-dmirijiet stipulati fil-kuntratt, anki wara li l-kuntratt jiskadi.

»Din il-ħatra qiegħda ssir mingħajr preġudizzju għall-grad sustantiv tiegħek.

»Din il-ħatra taqa' taħt ir-Regolamenti dwar is-Servizz Pubbliku ta' Malta, li jinkludu l-kundizzjoni li inti, bħala *officer in scale,* tista' tkun ittrasferita skond il-ħtiġijiet tas-servizz la darba jiskadi t-terminu kuntrattwali kurrenti. Fil-każ li tkun ittrasferit/a b'tibdil fid-dmirijiet tiegħek, inti tibqa' żżomm is-salarju marbut mal-*officer in scale* kif applikabbli meta jseħħ dan it-tibdil, iżda mingħajr il-*perks* u benefiċċji oħra li setgħu kienu marbuta mad-dmirijiet kuntrattwali oriġinali.«

7. Lill-attriċi dehrilha illi l-ħatra tagħha bħala *officer in scale 5* għandha tiġi sostitwita b'ħatra fil-karika ekwivalenti fil-*veterinary stream* u *cioè* bħala *principal veterinary officer in scale 5*. Dehrilha wkoll illi f'każ li l-qorti tiċħad l-ewwel talba tagħha *i.e.* sabiex li l-ħatra tagħha bħala *officer in scale 5* tiġi sostitwita b'ħatra bħala *principal veterinary officer in scale 5*, għandha xorta waħda tgawdi mid-drittijiet kollha tagħha kif assoċjati mal-*veterinary stream*, fosthom id-drittijiet assoċjati ma' tali *veterinary stream* skont il-ftehim kollettiv relattiv.

8. Kien għalhekk li l-attriċi fetħet din il-kawża u talbet illi l-qorti:

»(1) tordna s-sostituzzjoni *ai fini* u effetti kollha tal-liġi tal-ħatra tal-esponenti kif indikata fl-ittra surreferita datata 25 t'Ottubru 2013 ossija dik ta' *officer in scale 5* b'dik ekwivalenti fil-*veterinary stream* ossija *principal veterinary officer in scale 5*;

»(2) fin-nuqqas tas-surreferit jew alternattivament għall-ewwel talba tid-dikjara li, b'żieda mal-ittra tal-ħatra datata 25 t'Ottubru 2013, l-esponenti qed iżżomm ukoll id-drittijiet u l-benefiċji kollha assoċjati mal-*veterinary stream* u dan minkejja l-karika tagħha skond l-imsemmija ittra hija dik ġenerika ta' *officer in scale 5*;

»(3) tillikwida favur l-esponenti dawk l-ammonti kollha, inklużi arretrati ta' pagi, *allowances* u benefiċji oħrajn u / jew danni sofferti mill-istess espo-

nenti bħala konsegwenza tas-surreferit, dovuti lilha mill-intimati jew min minnhom a tenur tal-karika tagħha;

»(4) tikkundanna lill-intimati jew min minnhom sabiex iħallsu lill-esponenti dik is-somma hekk likwidata favur tagħha skond it-tielet talba;

»Bl-ispejjeż … … … u bl-imgħaxijiet … … …«

9. Il-konvenuti wieġbu hekk:

»… … …

»3. *in linea preliminari* … … … l-esponenti jeċepixxu li l-Ministru għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u Tibdil fil-Klima mhuwiex il-leġittimu kontradittur fil-proċeduri odjerni u dan *ai termini* tal-artikolu 181B tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

»4. fil-mertu l-esponenti jeċepixxu illi t-talbiet attriċi huma għal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt;

»5. … … … m'huwiex minnu li, a tenur tal-kuntratt tagħha bħala *expatriate veterinarian*, hija kienet sa dak iż-żmien tifforma parti mill-*veterinary stream* … … …;

»6. *stante* illi r-rikorrenti ma kinitx tagħmel parti mill-*veterinary stream* imsemmija, ir-rikorrenti qatt ma kienet intitolata għad-drittijiet assoċjati ma' tali *stream* … … …;

»7. l-esponenti jeċepixxu wkoll illi l-ħatra fi grad fil-*veterinary stream* issir biss wara proċess ta' għażla u wara ħruġ ta' sejħa għall-applikazzjonijiet u dan skond il-*collective agreement* relattiv.«

10. L-ewwel qorti ddeċidiet hekk:

»takkolji l-istess eċċezzjonijiet preliminari, sollevati mill-intimati;

»tiddikjara għalhekk li l-Ministru għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u Tibdil fil-Klima mhux il-leġittimu kontradittur għat-talbiet tar-rikorrenti *ai termini* tal-artiklu 181(B)(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

»tillibera lill-istess ministru indikat fil-paragrafu preċedenti mill-osservanza tal-ġudizzju;

»takkolji wkoll l-eċċezzjoni preliminari ulterjuri sollevata mill-istess intimati, inkwantu l-azzjoni odjerna tmur kontra d-disposizzjoni tal-artiklu 110(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta f'dak li huma ħatriet li jingħataw biss mill-Prim' Ministru fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku;

»*in vista* tal-premess, tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-każ.

»Bl-ispejjeż ta' din il-proċedura kontra r-rikorrenti.«

11. Il-konsiderazzjonijiet li lill-ewwel qorti għad-deċiżjoni tagħha ġew imfissra hekk fis-sentenza appellata:

»Essenzjalment il-fatti li taw lok għall-proċedura in diżamina jistgħu jiġu sintetikament elenkati bil-mod segwenti:

»Fir-rigward tal-ewwel eċċezzjoni preliminari sollevata mill-intimati fir-rigward tal-ministru intimat, jingħad sintetikament is-segwenti:

»Isostnu li l-istess ministru mhux il-leġittimu kontradittur, u dan *ai termini* tal-artiklu 181B (1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

»Fir-rigward l-artiklu in diżamina jiddisponi s-segwenti:

> »"Il-Gvern għandu jkun rappreżentat fl-atti u fl-azzjonijiet ġudizzjarji mill-kap tad-dipartiment tal-gvern li jkun inkarikat fil-materja in kwistjoni";

»Jirriżulta paċifiku li s-sejħa għall-post ta' uffiċjali veterinarji anzjani, uffiċjal fi Skala 5, u *principal veterinary officer*, flimkien m'oħrajn fir-rigward kollha saru taħt il-ministeru ikkonċernat.

»Jirriżulta però li l-karika lamentata mir-rikorrenti kienet intiża li tkun fi ħdan il-*Veterinary and Phytosanitary Regulation Department*, u mhux direttament mal-ministeru *de quo*.

»*In vista* tal-artiklu pre-ċitat għandu jkun paċifiku li, f'azzjonijiet ġudizzjarji indirizzati kontra xi dipartiment governattiv bħal ma hu l-każ in diżamina, id-dipartiment ikkonċernat għandu jkun rappreżentat mill-kap tal-istess dipartiment li jrid iwieġeb għall-istess.

»*In vista* tal-premess, il-ministru intimat mhux il-leġittimu kontradittur għat-talbiet tar-rikorrenti.

»Konsegwenza tal-istess din l-eċċezzjoni tal-intimati għandha tiġi akkolta.

»Fir-rigward tal-eċċezzjoni preliminari ulterjuri sollevati mill-intimati jingħad sintetikament is-segwenti:

»L-azzjoni in kwistjoni hi improponibbli, u dan *in vista* tal-artikli 110 u 115 tal-Kostituzzjoni;

»Għalhekk il-qorti ma tistax tilqa' t-talba kif proposta u ma tistax tordna s-sostituzzjoni tal-ħatra tagħha minn uffiċjal fi Skala 5 għal dik ta' uffiċjal veterinarju prinċipali fi Skala 5;

»*In vista* tal-artikli fuq riferiti, l-qrati huma preklużi mill-Kostituzzjoni stess li jiddeċiedu dwar dan.

»Fir-rigward isiru s-segwenti osservazzjonijiet:

»Skont il-kuntratt tal-impjieg datat l-10 t'April 2006, iffirmat mir-rikorrenti, jirriżulta assodat li r-rikorrenti ingħatat l-impjieg ta' uffiċjal veterinarju liema uffiċjal jaqa' fl-iSkala numru 5 tal-gradwatorja tas-servizz ċivili.

»Kif jirriżulta mill-ittra tal-ħatra ta' uffiċjal datata l-25 t'Ottubru 2013, il-kuntratt hekk preċedentement mogħti lir-rikorrenti beda sussegwentement jiġi ikkunsidrat bħala wieħed indefinit.

»F'dan il-kuntest ir-rikorrenti ssosstni li uffiċjali veterinarju fi Skala 5 hu ekwivalenti għall-uffiċjal veterinarju prinċipali fi Skala 5 u mhux sempliċement *officer in scale 5*.

»Għalhekk, fl-essenzjalità kollha tagħha, din il-kawża tirriduċi ruħha għall-fatt li r-rikorrenti qiegħda tinsisti li tibda tissejjaħ *principal veterinary officer* bl-*addenda* finanzjarja kollha annessa.

»Jiġi osservat li l-ħatriet fis-servizz pubbliku jsiru biss fuq rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku *ai termini* tal-artiklu 110(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

»Għalhekk, għandu jkun paċifiku li l-karika ta' uffiċjal veterinarju prinċipali li r-rikorrenti qed tippretendi li tiġi assenjata mill-qorti lilha tista' biss leġittimament u legalment timtela' wara proċess ta' għażla fil-miftuħ minn wara sejħa għall-applikazzjonijiet ta' persuni li jkunu jokkupaw il-karika ta' uffiċjal veterinarju anzjan jew fuq rakkomandazzjoni diretta tal-Kummiss-joni dwar is-Servizz Pubbliku kif fuq indikat, u dan minn fost uffiċjali li jiffurmaw parti mill-kategorija tal-veterinarji.

»*In effetti*, l-istess rekwiżit jirriżulta speċifikament elenkat fil-ftehim kollettiv konkluż bejn il-gvern, il-*unions* u l-veterinarji fi ħdan is-servizz pubbliku datat l-1 ta' Marzu 2013.

»Il-klawsola 4.2. tal-istess ftehim kollettiv intitolata "*Entry Requirements and Career Progression*" tistabbilixxi s-segwenti:

> »"Subject to the requirements of the Constitution and to PSC regulations, appointments to any of the grades may be made through an open call for application(s) or through direct recommendation from among public officers in the Veterinary Medicine Class."

»Għalhekk għandu jkun paċifiku f'dan ir-rigward li sempliċi bidla fin-nomenklatura tal-karika kif qed tipproponi r-rikorrenti mhix possibbli *stante* li l-istess ftehim kollettiv ma jippermettix tali manuvra billi jassigura li l-istess isir fid-dawl tal-provediment tal-Kostituzzjoni fuq riferit u skont ir-Regolamenti tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, u mhux unilateral-ment kif propost mir-rikorrenti.

»Għal aktar kjarezza f'dan ir-rigward issir referenza għall-artiklu 110(1) tal-Kostituzzjoni li jipprovdi s-segwenti:

> »"Bla ħsara għad-disposizzjoni ta' din il-Kostituzzjoni, s-setgħa li jagħmel ħatriet għall-karigi uffiċjali u li jneħħi, u li jeżerċita kontroll dixxiplinari fuq, persuni li jkollhom jew ikunu jaġixxu f'xi karigi bħal dawk tkun fil-Prim Ministru, li jaġixxi fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku."

»*In effetti*, l-istess rikorrenti tokkupa l-karika ta' uffiċjal fi Skala 5 li preżentement għandha bis-saħħa tal-ittra tal-ħatra appożita datata l-25 t'Ottubru 2013, li nħarġet "fuq rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku", kif approvata mill-Prim Ministru.

»*Di più*, *in vista* tal-ftehim kollettiv fuq riferit, ir-rikorrenti tista' tingħata dak li hawn qed titlob biss jekk tali karika minnha pretiża tingħatalha *ai termini* tal-Kostituzzjoni u tar-Regolamenti tal-Kummissjoni *de quo* – kweżit li t-talba hawn kontenuta fir-rikors ġuramentat promotur tar-rikorrenti ma tissodisfax.

»Kif ritenut mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Dr Joseph Cachia Feane *v.* Segretarju Permanenti fil-Ministeru għar-Riżorsi u l-Infrastruttura *et* datata l-20 t'Ottubru 2005, kif sussegwentement ikkon-fermata mill-Qorti tal-Appell permezz tas-sentenza tagħha fir-rigward datata l-14 ta' Lulju, 2008:

> »"Fuq kollox, il-materja involuta fil-kawża tittratta materja ta' ordinament kostituzzjonali, li hu ta' ordni pubbliku, u l-qorti ma tistax tinjora dak li jirriżulta mill-Kostituzzjoni. L-artiklu 110(1) tal-Kostituzzjoni jiddisponi b'mod ċar li s-setgħa li jagħmel ħatriet għall-karigi uffiċjali u li jneħħi perusni li jkollhom jew ikunu jaġixxu f'xi karika bħal dawk, tkun fil-Prim Ministru, li jaġixxi fuq ir-rakkomandazzjoni tal-*PSC*. Kif intqal mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali (*recte*: Qorti tal-Appell) fil-kawża Sultana *v.* Prim Ministru deċiża fis-27 ta' Ġunju 2003, f'każ ta' ħatriet fis-servizz

> pubbliku il-Prim Ministru hu marbut li jimxi skont dik ir-rakkomdandazzjoni, u allura f'każ ta' kwistjoni li tolqot l-impjieg ta' bniedem fis-servizz pubbliku d-deċiżjoni fil-verità toħodha l-*PSC*, u f'każ ta' ilment hija d-deċiżjoni ta' din il-kummissjoni li hija sindakabbli, u mhux tal-Prim Ministru ... … …"

»L-istess sentenza Cachia Fearne *v.* Segretarju Permanenti fil-Ministeru għar-Riżorsi u l-Infrastruttura *et* fuq indikata tkompli billi tissottolinea s-segwenti:

> »"Jekk attur għandu jew le kwalifiki biex jingħata karika fis-servizz pubbliku, trid tara b'mod esklussiv il-*PSC*. Jekk lill-*PSC* tingħata informazzjoni żbaljata jew mhux preċiża, huwa għandu jikkontesta dan quddiem il-*PSC* u mhux quddiem dawn il-qrati. Dak li l-attur m'għamilx quddiem il-*PSC*, li kien il-*forum* adattat li jikkonsidra l-posizzjoni tiegħu, ma jistax issa jipprova jagħmlu quddiem dawn il-qrati ... … …
>
> »"Il-qorti tqis li din il-kwistjoni tolqot ħatra fis-servizz pubbliku, u l-każ allura kellu jiġi ttrattat, kif fil-fatt ġara, quddiem il-*PSC*. Mhux impjegat ieħor jagħti jew jittermina ħatriet mas-servizz pubbliku, iżda biss il-*PSC*, u hija din il-kummissjoni li għandha d-dritt u l-obbligu li tevalwa ċ-ċirkostanzi tal-każ u tagħti d-deċiżjoni tagħha, li fuqha irid jimxi l-Prim Ministru, u li torbot ukoll lil dawk il-qrati – salvi dak li ingħad qabel dwar *review* limitat minn dawn il-qrati."

»Din il-qorti tikkondividi r-raġunament fuq ċitat u tagħmlu tagħha.

»Għandu għalhekk ikun paċifiku li dak li r-rikorrenti qed titlob *tramite* l-proċedura odjerna hu effettivament li qed titlob lil din il-qorti tissosstitwixxi d-deċiżjoni ġà meħuda fir-rigward mill-Prim Ministru fuq ir-rakkomand-azzjoni tal-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku biex għalhekk tibdel id-deskrizzjoni tal-karika mogħtija lir-rikorrenti minn *officer in scale 5* għal *principal veterinary officer in scale 5* mingħajr ma tgħaddi mill-proċeduri uffiċċjali kif stabbiliti fil-liġi u fil-ftehim kollettiv kif fuq spjegat.

»*Di più*, li kieku tali talba tiġi hawn avallata u eżegwita, dan jimplika l-ħolqien ta' ħatra ġdida fl-ambjent lavorattiv in diżamina li jmur kontra l-ftehim milħuq mill-kategorija veterinarja fi ħdan is-servizz pubbliku u kontra l-artiklu 101(1) tal-Kostituzzjoni.

»Konsegwentement, din l-eċċezzjoni preliminari ulterjuri sollevata mill-intimati għandha tiġi akkolta.

»*In vista* tal-premess din il-qorti hi sodisfatta li l-intimati ippruvaw l-eċċezzjonijiet preliminari tagħhom … … …«

12. L-attriċi appellat b'rikors tat-23 t'Ottubru 2017 li għalih il-konvenuti wieġbu fit-13 ta' Novembru 2017.

13. L-ewwel aggravju tal-attriċi li jolqot dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-ewwel qorti ħelset lill-ministru konvenut mill-ħarsien tal-ġudizzju għax mhux kontradittur leġittimu, u ġie mfisser hekk:

»A. Dwar l-eċċezzjoni preliminari konċernanti l-leġittimu kuntradittur

»… … …

»Fir-rigward tal-ewwel eċċezzjoni mressqa mill-intimati jingħad sempliċement li l-konvenuti ġew ilkoll intimati permezz ta' dawn il-proċeduri *stante* li dak li l-ħatra tal-esponenti hija preżentement dik ġenerika ta' uffiċjal u mhux ta' uffiċjal veterinarju u kwindi huwa ċar li r-rwol tagħha fi ħdan il-ministeru m'huwiex neċessarjament marbut mad-dipartiment biss imma wkoll mal-ministeru fih innifsu. Naturalment, a tenur tal-liġi, il-ministeru li fir-rigward tiegħu l-esponenti tokkupa l-karika ta' uffiċjal huwa proprju dak rappreżentat mill-ministru intimat.

»Jenħtieġ allura li kwalunkwe deċiżjoni tagħmel stat ukoll fil-konfront tal-istess uffiċji mhux biss *in vista* ta' dak kollu li jinstab premess, imma wkoll in vista tar-rwol amministrattiv rikopert kemm mill-ministru u kif ukoll mill-Prim'Ministru fir-rigward tal-ħatra tal-esponenti u tal-ittra li ġiet lilha mibgħuta f'tali rigward. Dan kollu qed jingħad ukoll *ai fini* tal-art. 181B tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili li għandu jiġi ritenut applikabbli f'tali rigward.«

14. Il-liġi hija ċara. L-art. 181B tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jgħid min jidher għall-gvern fi proċeduri ġudizzjarji:

»**181B** (1) Il-Gvern għandu jkun rapprezentat fl-atti u fl-azzjonijiet ġudizzjarji mill-kap tad-dipartiment tal-gvern li jkun inkarikat fil-materja in kwistjoni:

»Iżda, mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu:

»… … …

»(*b*) kawżi li jinvolvu kwistjonijiet dwar impieg jew obbligu ta' servizz mal-Gvern jistgħu f'kull każ isiru mis-Segretarju Permanenti Ewlieni;

»… … …

»(2) L-Avukat tal-Istat jirrappreżenta lill-Gvern f'dawk l-atti u l-azzjonijiet ġudizzjarji li minħabba n-natura tat-talba ma jkunux jistgħu jiġu diretti kontra xi wieħed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-oħra tal-gvern.«

u mkien ma jingħad li fi proċeduri ġudizzjarji jidher xi ministru f'isem il-gvern. Għall-gvern jidher il-kap tad-dipartiment inkarikat, u fejn ma hemm ebda dipartiment speċifikament inkarikat, jidher l-Avukat tal-Istat ħlief f'ċerti każijiet partikolari, fosthom kawżi bħal dik tallum li strettament kellha ssir kontra s-Segretarju Permanenti Ewlieni.

15. L-aggravju huwa għalhekk miċħud.

16. It-tieni aggravju jgħid hekk.

»B. Dwar l-eċċezzjoni preliminari konċernanti l-improponibilità tal-azzjoni

»Fir-rigward ta' din l-eċċezzjoni preliminari ulterjuri sollevata mill-intimati konċernanti l-improponibilità tal-azzjoni a tenur tal-artt. 110 u 115 tal-Kostituzzjoni l-ewwel onorabbli qorti ikkonkludiet – inġustament fil-fehma tal-esponenti – li "dak li r-rikorrenti qed titlob *tramite* l-proċedura odjerna hu effettivament li qed titlob lil din il-qorti tissosstitwixxi d-deċiżjoni ġà meħuda fir-rigward mill-Prim Ministru fuq ir-rakkomdandazzjoni tal-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku biex għalhekk tibdel id-deskrizzjoni tal-karika mogħtija lir-rikorrenti minn o*fficer in scale 5* għal *prinċipal veterinary officer in scale 5* mingħajr ma tgħaddi mill-proċeduri uffiċċjali kif stabbiliti fil-liġi u fil-ftehim kollettiv kif fuq spjegat (...) *Di più*, li kieku tali talba tiġi hawn avallata u eżegwita, dan jimplika l-ħolqien ta' ħatra ġdida fl-ambjent lavorattiv in diżamina li jmur kontra l-ftehim milħuq mill-kategorija veterinarja fi ħdan is-servizz pubbliku u kontra l-artiklu 101 (1) tal-Kostituzzjoni". Kien proprju konsegwenti għas-surreferit li l-ewwel onorabbli qorti għaddiet sabiex tiċħad it-talbiet kollha attriċi.

»Minnufih għandu jirriżulta ċar li … … … l-ewwel onorabbli qorti ma fehmitx dak li tassew l-esponenti kienet qed tipprova totjeni permezz tal-azzjoni odjerna – dan minkejja li t-talbiet tagħha kienu ċarissimi f'dan ir-rigward. Sfortunatament l-ewwel onorabbli qorti illimitat ruħha filli tikkunsidra u tinterpreta biss parti mit-talba attriċi bħala waħda li, skont hi, kienet intiża sabiex tmur kontra l-ittra ta' ħatra tagħha datata 25 t'Ottubru 2013 u ma komplietx billi tikkunsidra wkoll il-bqija tat-talba proposta mill-esponenti u li kienet espressament tipprovdi proprju għal dak soluzzjoni alternattiva li xorta waħda kellha twassal għall-konferma li b'tali ħatra l-esponenti ma setgħetx tiġi estromessa mill-*veterinary stream*.

»… … …

»Huwa allura ċar mis-surreferit li l-ewwel u t-tieni talbiet attriċi odjerni huma distinti in kwantu alternattivi għal xulxin u *cioè*, jekk l-ewwel talba kienet intiża sabiex bil-bidla fin-nomenklatura l-esponenti tiġi effettivament inkluża mill-ġdid fil-*veterinary stream*, it-tieni talba tipprovdi li, alternattivament għas-surreferit, tingħata almenu dikjarazzjoni li l-esponenti qed iżżomm ukoll id-drittijiet u l-benefiċċji kollha assoċjati mal-*veterinary stream*. Dawn iż-żewġ talbiet ser jiġu indirizzati hawn taħt fl-istess ordni kronoloġiku.

»Fir-rigward tal-ewwel talba għandha qabelxejn issir referenza proprju għall-każistika ċitata mill-ewwel onorabbli qorti u *cioè* s-sentenza deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Dr Joseph Cachia Feane *v.* Segretarju Permanenti fil-Ministeru għar-Riżorsi u l-Infrastruttura *et* datata l-20 t'Ottubru 2005, kif sussegwentement ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell permezz tas-sentenza tagħha fir-rigward datata l-14 ta' Lulju 2008:

> »"L-artiklu 110(1) tal-Kostituzzjoni jiddisponi b'mod ċar li s-setgħa li jagħmel ħatriet għall-karigi uffiċjali u li jneħħi persuni li jkollhom jew ikunu jaġixxu f'xi karika bħal dawk, tkun fil-Prim Ministru, li jaġixxi fuq ir-rakkomandazzjoni tal-*PSC*. Kif intqal mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali, (*recte*: Qorti tal-Appell), fil-kawża Sultana *v.* Prim Ministru deċiża fis-27 ta' Ġunju 2003, f'każ ta' ħatriet fis-servizz pubbliku il-Prim Ministru hu marbut li jimxi skont dik ir-rakkomandazzjoni, u allura, f'każ ta' kwistjoni li tolqot l-

> impjieg ta' bniedem fis-servizz pubbliku, id-deċiżjoni fil-verità toħodha l-*PSC*, u f'każ ta' ilment hija d-deċiżjoni ta' din il-kummissjoni li hija sindakabbli, u mhux tal-Pirm Ministru ..."

»Fir-rigward ta' dan il-paragrafu huwa minnufih ċar li xejn minn dak li qed jintalab mill-esponenti ma jikkontrasta b'xi mod ma' dak hawn fuq deċiż u dana għaliex bl-ebda parti tat-talba tagħha l-esponenti ma qiegħda tipprova tilmenta dwar id-deċiżjoni tal-kummissjoni jew tal-Prim'Ministru. Il-Prim'Ministru jinsab inkluż f'dawn il-proċeduri *ai fini* ta' kompletezza *in vista* tal-ittra tal-ħatra. Anzi, bil-kontra ta' dan, it-talba tagħha hija intiża proprju sabiex jiġu salvagwardjati id-drittijiet konċessi lilha permezz tal-istess ittra ta' ħatra u minn fejn jirriżulta ċar li l-ħatra kienet qed issir mingħajr ebda preġudizzju għad-drittijiet kweżiti favur l-epsonenti u b'mod partikulari għall-grad sostantiv tagħha.

»L-ilment tal-esponenti huwa proprju li, minkejja s-surreferit, mhuwiex minnu li l-grad sostantiv tal-esponenti ġie debitament salvagwardjat u dana għaliex, in effettiv, minkejja li l-ħatra tagħha hija intiża sabiex tkun mingħajr preġudizzju għall-grad sostantiv tagħha, in effettiv, l-*employer* tagħha u *cioè* d-dipartiment rappreżentat mid-direttur intimat qed iwassal bl-aġir tiegħu li l-grad sostantiv tagħha ġie preġudikat u jinsab preġudikat ampjament minħabba l-fatt li, kif rriżulta ċar mill-provi imressqin quddiem l-ewwel onorabbli qorti, l-esponenti ġiet effettivament eskluża mill-*veterinary stream* minkejja dak li jingħad fl-istess ittra tal-ħatra. Huwa ċar li l-ittra tal-ħatra fiha nnifisha ma kenitx intiża li tippreġudika lill-esponenti b'dan il-mod. Anzi, l-ittra tal-ħatra ġiet miktuba b'tali mod li tissalvagwardja lill-esponenti b'mod partikulari f'dan ir-rigward u dana billi tagħmilha espressament ċara li l-grad sostantiv tagħha u kwindi l-fatt li hija membru tal-*veterinary stream* ma jiġix preġudikat. Għaldaqstant huwa ċar li, bit-talba tagħha kif hawn fuq ċitata, l-esponenti qed titlob biss li skont il-ħatra tagħha hija ma tiġix eskluża mill-*veterinary stream* u kwindi l-grad sostantiv tagħha ma jiġix preġudikat minkejja li l-ħatra tagħha bħala uffiċjal ġeneriku fi Skala 5 ma jifformax parti mill-*veterinary stream*.

»Assodata tali premessa, huwa ċar li sabiex jintlaħaq tali skop u kwindi jiġi żgurat li l-ħatra tiġi infurzata fl-aspetti kollha tagħha inkluż u b'mod parikulari b'referenza għall-inklużjoni tal-esponenti fil-*veterinary stream* l-esponenti tara li jeżistu żewġ rimedji u *cioè*:

»(i) jew li tinbidel in-nomenklatura tal-karika taħgha sabiex tali nomenklatura tkun tirrifletti in-natura tal-ħatra stess u kwindi l-fatt li l-grad sostantiv tagħha jkun qed jiġi salvagwardjat u b'hekk in-nomenklatura tkun tirrifletti l-fatt li hija effettivament tifformat parti mill-*veterinary stream* in kwantu veterinarju;

»(ii) jew li, fin-nuqqas tas-surreferit, almenu dina l-onorabbli qorti tiddikjara li, b'żieda mal-ittra tal-ħatra datata 25 t'Ottubru 2013, l-esponenti qed iżżomm ukoll id-drittijiet u l-benefiċċji kollha assoċjati mal-*veterinary stream* u kwindi tgħaddi sabiex takkolji t-tieni talba attriċi.

»… … …

». … … Is-sentenza surreferita għamlitha ċara li r-rwol tal-*PSC* huwa limitat għall-ħatra fi ħdan is-servizz pubbliku u t-terminazzjoni ta' tali ħatra. Dwar ir-rwol u l-kompetenza tal-*PSC* huwa ċar l-istess art. 115 tal-Kostituzzjoni li jiddetermina liema huma dawk il-materji li ma jistgħux jiġu analizzati u / jew diskussi mill-qrati tagħna:

»"Il-kwistjoni jekk –

»"(a) il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tkunx qdiet validament xi funzjoni mogħtija lilha bi jew skont din il-Kostituzzjoni;

»"(b) xi membri tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku jew xi uffiċjal pubbliku jew awtorità oħra tkunx qdiet validament xi funzjoni delegata lil dak il-membru, uffiċjal pubbliku jew awtorità bis-saħħa tad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1) tal-artikolu 110 ta' din il-Kostituzzjoni; jew

»"(ċ) xi membri tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku jew xi uffiċjal pubbliku jew awtorità oħra tkunx qdiet validament xi funzjoni oħra dwar ix-xogħol tal-Kummissjoni jew dwar xi funzjoni bħal dik kif hija msemmija fil-paragrafu ta' qabel dan,

»"ma għandhiex tiġi eżaminata minn ebda qorti."

»Jirriżulta ċar li l-kwistjoni sollevata permezz ta' din il-kawża bl-ebda mod ma tinċidi fuq is-surreferit.

»Issa, fil-każ odjern, dak li qed titlob l-esponenti m'huwiex la li tottjeni ħatra (ġaladarba l-ħatra diġà ottjenietha) u wisq anqas li tali ħatra tiġi terminata. Dak li qed titlob l-esponenti huwa proprju l-kontra ta' dan u *cioè* li tali ħatra tiġi infurzata fil-konkret u billi tiġi reża parti mill-*veterinary stream*. Lanqas m'hijex qed titlob l-esponenti xi varjazzjoni fil-ħatra tagħha u dana għaliex, kif ingħad, il-ħatra tagħha diġà tipprovdi bl-aktar mod ċar li din qed issir mingħajr preġudizzju għall-grad sostantiv tagħha. Madanakollu kif jista' tali dritt, vestit fl-esponenti u sanċit ukoll minn tali ħatra, jiġi debitament salvagwardjat? Dan jista' jsir jew billi n-nomenklatura ta' ħatra tirrifletti l-grad sostantiv u kif ukoll il-ħatra hemmhekk kontenuta jew billi dina l-onorabbli qorti almenu tiddikjara li l-esponenti għanda tali dritt u b'hekk tilqa' t-tieni talba billi tagħmel id-dikjarazzjoni appożita. Fin-nuqqas, tkun qed issir inġustizzja gravi kontra l-esponenti u dana għaliex il-professjoni tagħha bħala veterinarju ma tkunx qed tiġi debitament rikonoxxuta mill-qrati tagħna wkoll minkejja dak li jingħad espressament fil-ħatra tagħha. M'humiex l-aspetti kollha tal-impjieg tagħha li jaqgħu fil-kompetenza tal-*PSC* u ċertament li l-qrati tagħna għandhom il-kompetenza meħtieġa sabiex jissalvagwardjaw u jenforzaw il-ħatra fiha innifisha u d-drittijiet legali hemmekk konċessi. In prattika dan ifisser li, minkejja l-ħatra tagħha u l-kundizzjonijiet kollha hemmhekk indikati, l-esponenti qed tiġi prekluża mill-benefiċċji kollha (jew almenu uħud minnhom) naxxenti mill-fatt illi l-esponenti qed twettaq xogħol li jaqa' *entro* l-parametri legali tal-hekk imsejħa *veterinary stream*, dan skont l-istess risposta tal-intimati u minkejja dak li jinsab dikjarat espressament permezz tal-istess ħatra tagħha.

»… … …

»Fir-rigward tal-ewwel talba attriċi dan neċessarjament ifisser illi, *in linea* mal-ħatra tagħha u tenut kont tal-fatt li d-diċitura ġenerika ta' *officer in scale 5* ma tiffurmax parti mill-*veterinary stream* (ara f'dan is-sens il-*collective agreement*) id-diċitura tal-karika tagħha għandha tirrifletti dan billi tiġi sostitwita bil-karika fl-istess skala u li tinsab effettivament fil-*veterinary stream*, *i.e*. *veterinary officer in scale 5*. Huwa ċar li l-esponenti ma tistax tkun veterinarju esklussivament fis-sustanza imma mhux ukoll fl-isem. Huwa daqstant ieħor ċar li huwa d-dritt sagrosant ta' kull ħaddiem illi l-professjoni jew xogħol tiegħu jiġi msejjaħ u rikonoxxut bħala tali *ai fini* u

effetti kollha tal-liġi u dan għaliex l-obbligi u d-drittijiet tal-ħaddiem u / jew professjonist ma jeżistux f'bozza indipendentement mid-diċitura tal-ħatra. Huwa ċar, loġiku u legali anke *ai termini* tal-Kostituzzjoni li l-isem mogħti lill-ħaddiem jikkostitwixxi parti sostanzjali tan-natura tax-xogħol u kwindi għandu jirrifletti is-sustanza tax-xogħol innifsu, dan bħala dritt fundamentali. Bl-istess mod min huwa debitament liċenzjat bħala veterinarju u jaħdem bħala veterinarju għandu dritt sagrosant illi jiġi msejjaħ veterinarju u mhux sempliċement 'uffiċjal pubbliku'.

»Interament mingħajr ebda preġudizzju għas-surreferit, hija l-umli fehma tal-esponenti li l-ewwel onorabbli qorti ma kellhiex u ma setgħetx tieqaf fejn fil-fatt waqfet (billi tgħid f'xiex tikkonsisti l-kawża odjerna "fl-essenzjalità kollha tagħha" imma kellha tikkunsidra t-talbiet kollha u tara jekk, fuq bilanċ ta' probabiltajiet, jeżistix il-lok illi takkolji l-istess jew min minnhom. F'tali kuntest l-ewwel onorabbli qorti kellha tgħaddi sabiex tikkunsidra wkoll it-tieni talba bħala rimedju alternattiv mitlub mill-esponenti.

»F'tali rigward huwa ċar li dak li effettivament tinsab titlob l-esponenti m'huwa xejn għajr dak li huwa bi dritt tagħha skont il-liġi. Jinsab *d'altronde* inkontestat bejn il-partijiet kollha fil-kawża li l-esponenti tinsab regolarment liċenzjata sabiex taħdem bħala veterinarju u li r-rwol tagħha wkoll fi ħdan id-dipartiment li fih tinsab allokata huwa wieħed strettament ta' ħidma veterinarja. A sostenn ta' dan l-esponenti ressqet diversi dokumenti li lkoll jixhdu li r-rwol tagħha m'huwiex limitat biss għal servizzi veterinarju fuq annimali imma huwa wkoll estiż b'mod ġenerali għall-ħolqien u enfurzar ta' *policies* fil-Gżejjer Maltin referibbli għas-saħħa tal-konsumatur fil-kuntest ta' prodotti aggrarji.

»F'dan ir-rigward xehdu a sostenn tat-teżi tal-istess esponenti anke rappreżentanti tad-direttur intimat. F'dan ir-rigward tista' ssir referenza għax-xhieda mogħtija minn Dennis Buttigieg li kkonferma is-segwenti:

> »"L-iskop ta' *officer in scale 5* hu li jiggarantixxi s-salarju ta' Skala 5 però bis-saħħa tal-grad sostantiv ir-rikorrenti kellha kull dritt illi tibqa' tipprogressa fil-grad veterinarju, dejjem suġġett għal ftehim ta' klassi partikolari. Fil-fatt ir-rikorrenti grazzi għal grad tagħha sostantiv għadha fil-*veterinarystream*." (kontro-eżami datat 3 ta' Novembru 2016).

»Din ix-xhieda ta' Dennis Buttigieg effettivament tikkontradiċi l-istess risposta preżentata mill-intimati li jiċħdu li l-esponenti tifforma jew qatt iffurmat parti mill-*veterinary stream*. Huwa għalhekk ukoll li, skont l-umli sottomissjoni tal-esponenti, t-talbiet tagħha ma setgħu qatt jiġu miċħudin fl-interezza tagħhom mingħajr ma ssir analiżi akkurata ta' dak li effettiv kien qed jiġi mitlub. Permezz tax-xhieda tiegħu, is-Sur Buttigieg jikkonferma, proprju a sostenn tat-teżi tal-esponenti, li l-esponenti – skont l-istess ħatra tagħha – tifforma parti mill-*veterinary stream* bis-saħħa tal-grad sostantiv tagħha. Dan fih innifsu kellu jkun suffiċjenti sabiex almenu it-tieni talba tal-esponenti tiġi milqugħa.

»Hekk ukoll Dr Roberto Balbo xehed fis-sens illi:

> »"I confirm that complainant is registered with the Veterinary Council as a veterinary surgeon. (...) I confirm that within the public service hierarchy in scale 5 there is only the title of principal veterinary officer. (...) As regards the complainant she is now in a position where she cannot apply for this particular call as the call is regulated by the class agreement which means that for someone to apply for the post of principal veterinary officer the applicants must first have a substantive grade within the public service of senior veterinary officer."

»Għaldaqstant kellu jkun ampjament ċar anke mix-xhieda tal-istess Direttur Balbo illi l-esponenti qed issofri inġustizzja naxxenti mill-fatt illi għalkemm hija effettivament uffiċjal fi Skala 5 u veterinarju reġistrat hija mhux biss ma tistax tissejjaħ hekk imma wkoll hija effettivament prekluża milli tapplika għall-karika ekwivalenti fi ħdan il-*veterinary stream* fi Skala 5 minkejja li, kif ingħad u kif jinsab konfermat mix-xhieda ta' Dennis Buttigieg, a bażi tal-grad sostantiv tagħha hija tifforma parti mill-*veterinary stream*; dan proprju minkejja dak li jingħad fl-ittra ta' ħatra tagħha. Dan allura jfisser li l-esponenti hija prekluża milli tavvanza ulterjorment fil-professjoni tagħha fi ħdan il-*veterinary stream* irrispettivament mill-esperjenza u mill-kwalifiċi tagħha. Huwa ċar allura li l-esponenti telqet minn pajjiżha sabiex ittejjeb il-possibiltajiet tagħha ta' xogħol bħala veterinarju fi żmien meta, *ex admissis* kien hemm nuqqas qawwi f'dan is-settur f'Malta, sabet ruħha li ma tistax tkompli tavvanza ulterjorment fil-professjoni tagħha minħabba l-fatt li d-direttur intimat ma jridx isegwi l-prinċipji regulaturi tal-ħatra tal-esponenti fi ħdan l-iSkala 5 b'rispett għall-grad sostantiv tagħha bħala membru tal-*veterinary stream* u kif *d'altronde* jingħad fl-istess ħatra tagħha.

»Mill-aspett prettament legali l-esponenti tantiċipa illi l-kontro-parti sejrin mill-ġdid jagħmlu referenza għal dak deċiż minn dina l-onorabbli qorti kif diversament presjeduta fil-kawża fl-ismijiet Dr Vito Benvenga *v.* Direttur Ġenerali *Veterinary and Phytosanitary Regulation Department et* (rik. nru 505/2015) deċiża fit-28 t'April 2016 fis-sens illi f'dak il-każ ġiet miċħuda "l-azzjoni attriċi peress li tmur kontra d-disposizzjoni tal-artikolu 110(1) tal-Kostituzzjoni f'dak li huma ħatriet jingħataw biss mill-Prim Ministru fuq rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u tastjeni milli tkompli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-kawża". Madanakollu kellu jirriżulta ampjament ċar li l-każ ta' Benvenga huwa differenti minn dak tal-esponenti anke *in vista* tat-talbiet avvanzati minn Benvenga f'tali proċeduri. Hemm-hekk Benvenga qed jitlob biss li, b'differenza mill-esponenti, "r-rikorrenti għandu dritt, skond l-iSkala 5 li fiha jinsab, jiġi klassifikat u inserit fil-karika ta' *principal veterinary officer*; 2. konsegwentement, tordna lill-intimati sabiex fi żmien qasir u perentorju li jogħġobha tiffissa għaldaqshekk, jimmodifikaw il-karika attwali tar-rikorrenti minn dik ta' sempliċi *officer in scale 5*" għal dik ta' *principal veterinary officer*". It-talbiet attriċi fil-każ odjern immorru ferm *oltre* minn hekk u jipprovdu għal rimedju alternattiv għal dan.

»Min-naħa tagħha l-esponenti m'hix qed tillimita ruħha għall-modifika fil-karika tagħha. Qed titlob li dak li jingħad fil-ħatra taħgha jiġi effettiv rikonoxxut mill-impjegati tagħha b'mod konkret fuq il-post tax-xogħol tagħha. Fil-każ in eżami dak li effettivament qed tipprova tagħmel l-esponenti m'huwiex li tattakka rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku imma li effettivament tenforza l-istess rakkomandazzjoni fir-rigward tal-karika sostantiva tagħha u tal-ħtieġa li tali karika sostantiva tiġi effettivament rikonoxxuta ai fini u effetti kollha tal-liġi.

»Għaldaqstant huwa ċar li t-talbiet tal-esponenti kemm *in toto* jew almenu ċertament *in parte* ma jmorrux kontra d-disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni imma huma saħansitra *in linea* ma' dak li l-istess kummissjoni ssuġġerit lill-Prim'Ministru fid-deċiżjoni meħuda minnu tant illi l-esponenti tissottometti umilment illi dak li qed tipprova tagħmel huwa proprju li tenforza dak li jinsab indikat fl-istess rakkomandazzjoni u *cioè* li hi tiġi dikjarata li tagħmel parti mill-*veterinary stream* (in linea mal-istess xhieda ta' Dennis Buttigieg) tenut kont li l-ħatra tagħha hija mingħajr ebda preġudizzju għall-karika

> sostantiva tagħha. L-esponenti m'għandha ebda intenzjoni li tattakka l-ħatra tagħha u dan għaliex hija taqbel li għandha tibqa' fi Skala 5 tal-gradwatorja pubblika u li fl-istess ħin tali ħatra għandha tkun mingħajr preġudizzju għall-karika tagħha bħala veterinarju fi ħdan is-servizz pubbliku u kwindi li għandha tiġi kkunsidrata bħala parti mill-*veterinary stream*, dan skont ma xehdu l-istess rappreżentanti tad-direttur intimat.
>
> »Għaldaqstant, sabiex tassew issir ġustizzja mal-esponenti u wkoll sabiex tassew jiġu segwiti kemm ir-rakkomandazzjoni tal-kummissjoni u kif ukoll il-ħatra effettiva skont l-ittra datata 25 t'Ottubru 2013, it-talbiet attriċi li jeħtieġu li jiġi dikjarat li l-esponenti "qed iżżomm ukoll id-drittijiet u l-benefiċċji kollha assoċjati mal-*veterinary stream* u dan minkejja l-karika tagħha skond l-imsemmija ittra hija dik ġenerika ta' *officer in scale 5* (it-tieni talba)" għandhom neċessarjament jiġu milqugħin proprju għaliex kif jirriżulta mis-surreferit waqt il-proċeduri odjerni irriżulta li dan il-punt lanqas m'huwa kontestat mill-intimati minkejja r-risposta tagħhom f'dan is-sens.«

17. Il-ftehim kollettiv bejn il-gvern u l-*unions* li jirrappreżentaw il-veterinarji u lil dawk li jassistu lil din il-klassi kif definit fl-istess ftehim tal-1 ta' Marzu 2013 igħid, fost affarijiet oħra, illi promozzjonijiet fil-klassi veterinarja – fl-hekk imsejħa "*veterinary stream*" – isiru "*through an open call for application or through direct recommendation from among public officers in the veterinary medicine class*"[2]. Igħid ukoll illi "*vacancies in the grade of principal veterinary officer (scale 5) will be filled by selection from among senior veterinary officers*"[3].

18. L-ewwel talba attriċi għalhekk ma tistax tintlaqa' għal dawn ir-raġunijiet: fl-ewwel lok l-attriċi appellanti qatt ma laħqet il-grad ta' *senior veterinary officer* u għalhekk qatt ma kienet eleġibbli sabiex tapplika għall-post ta' *principal veterinary officer (scale 5)*. Biex tilħaq il-grad ta' prinċipal trid tibda tiela' l-gradi skont il-ftehim kollettiv sa ma tilħaq il-grad ta' *principal veterinary officer*. Qabel ma' nħatret bħala *officer in scale 5* l-attriċi kienet uffiċjal veterinarju u mhux *senior veterinary officer*.

---

2 *Fol*. 62.

3 *Fol*. 63.

19. Fix-xhieda tiegħu mogħtija fis-seduta tad-9 ta' Diċembru 2015 ix-xhud Leo Bonniċi, Direttur responsabbli mir-Riżorsi fi ħdan l-Amministrazzjoni Pubblika fl-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani (li huwa l-uffiċċju ċentrali respons-abbli għar-riżorsi umani fi ħdan is-servizz ċivili), fisser illi l-karika ta' *principal veterinary officer* "huwa l-ogħla grad f'din il-klassi partikolari miftehma bejn il-gvern u l-*union* li sar fl-1 ta' Marzu 2013 ..." u li "vakanzi fi grad ta' uffiċjal veterinarju prinċipali jimtlew wara sejħa ta' applikazzjonijiet li tkun ħarġet minn fost l-uffiċjali veterinarji anzjani"[4]. Kompla jixhed hekk:

> »... ... ... Mistoqsi għaliex il-gvern qatt ma jista jaċċedi għat-talba tar-rikorrenti ngħid illi r-raġuni għal dan hi a bażi tal-paragrafu mill-paragrafu 4.214 tal-ftehim bejn il-gvern u l-*union* datat l-1 ta' Marzu 2013 li jgħid kif għidt qabel li l-vakanzi jintlew biss wara sejħa appożita u jkun hemm oral appożitu miftuħ għal min ikun jokkupa l-karika ta' uffiċjal veterinarju anzjan. Għalhekk il-gvern ma jistax jilqa' din it-talba għaliex altrimenti jkun qed jikser b'mod unilaterali l-ftehim li hu stess għandu mal-*union*. *Oltre* dan tali ħatra hi soġġetta għal iskrutinju tal-*Public Service Commission*, il-Kum-missjoni tas-Servizz Pubbliku u approvata mill-Prim Ministru.«[5]

20. Dan kollu ġie kkonfermat ukoll minn Dr Roberto Andrea Balbo, direttur fi ħdan id-dipartiment konċernat, fl-*affidavit* tiegħu tat-2 ta' Frar 2016[6] kif ukoll mis-Sur Dennis Buttigieg, Direttur tas-Servizzi Korporattivi fi ħdan il-Ministeru għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u t-Tibdil fil-Klima[7].

21. Fit-tieni lok, skond il-ftehim kollettiv li jorbot lill-ħaddiema kollha fis-settur, il-grad ta' uffiċjal veterinarju tpoġġa fi skala 8, u biex ħaddiem jilħaq il-grad ta' *principal veterinary officer* irid isegwi l-i*stream* wara li ssir sejħa għal applikazzjonijiet. Fil-każ tallum ma nħarġet l-ebda sejħa għal applikazz-jonijiet għall-karika ta' *principal veterinary officer (scale 5)* li għaliha

---

4 *Fol*. 87.

5 *Foll.* 87 *et seq.*

6 *Foll.* 362 *et seq.*.

7 *Foll*. 413, 476, 477 u 489.

ntgħażlet l-attriċi. Jidher li minkejja li kienet inħarġet sejħa għal applikazzjonijiet għall-karika ta' *senior veterinary officer*, għalkemm kienet eleġibbli għaliha l-attriċi ma ntgħażlitx għaliha[8].

22. Fl-ewwel talba tagħha l-attriċi tippretendi li taqbeż lil sħabha u li tilħaq prinċipal mill-ewwel u mhux issegwi l-i*stream* kif inħolqot fil-ftehim kollettiv. Madanakollu, kif ipprovdiet din il-qorti stess fis-sentenza reċenti tagħha tal-21 t'Ottubru 2021 fil-każ ta' Dr Vito Domenico Benvenga *v.* Direttur Ġenerali *Veterinary and Phytosanitary Regulation Department et*:

> »Il-ftehim kollettiv jorbot lill-klassi ta' ħaddiema li għalih jirreferi, u jekk dan il-ftehim jirregola proċedura ta' kif iseħħu l-promozzjonijiet, dik il-proċedura trid tiġi segwita. Bidla fin-nomenklatura minn *officer in grade 5* għal *principal veterinary officer* mhix waħda awtomatika kif jippretendi l-attur; wara kollox dan mhux ikkontemplat mill-ftehim settorali. Bidla fil-karika (grad) huwa regolat bl-istess ftehim settorali.«[9]

23. Fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-28 t'April 2016 fl-istess każ ta' Benvenga (fejn kien hemm ċirkostanzi li jixbħu ħafna dawk tal-każ tallum) dik il-qorti wkoll qalet hekk:

> »Għalkemm ir-rikorrent qiegħed jgħid li mhux qiegħed jippretendi xi trattament preferenzjali u li qiegħed jesiġi li jingħata bi dritt dak mitlub minnu, ma jirriżultax li jista' sempliċement jissejjaħ *principal veterinary officer* jekk mhux permezz ta' proċess ta' għażla u eventwalment ħatra minn fost *senior veterinary officers*, hekk kif kontemplat fl-imsemmi ftehim settorali; altrimenti huwa jkun qiegħed tassew jiġi vantaġġjat a skapitu ta' ħaddieħor li mexa skond il-parametri tal-istess ftehim. Sempliċi bidla fil-karika mhux possibbli jekk mhux kif provdut fil-ftehim tal-klassi veterinarja u li skond l-artikolu 4.2 tal-istess ftehim huwa suġġett għad-disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni u r-regolamenti tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.«

24. Fit-tielet lok, u b'mod sussidjarju għar-raġunijiet l-oħra hawn fuq mogħtija, Dr Roberto Balbo iddikjara li x-xogħol li preżentement tagħmel l-attriċi

---

[8] *Fol*. 393.

[9] Ara wkoll, f'dan is-sens, is-sentenza mogħtija minn din il-qorti fl-ismijiet Tabib Dottor Daniel Grixti Soler *v.* Kummissjoni Dwar is-Servizz Pubbliku *et*, 12 ta' Frar 2016.

appellanti m'huwiex ekwivalenti għax-xogħol li jagħmel *principal veterinary officer* u kkonferma wkoll li l-fatt li nħatret bħala *officer in scale 5* ma jfissirx illi nħatret bħala *principal veterinary officer*. Fix-xiehda tiegħu mogħtija in kontro-eżami fis-seduta tat-3 ta' Novembru 2015 quddiem l-ewwel qorti hu qal hekk:

> »The duties presently performed by the complainant are those pertaining to the veterinary officer which may reach the salary scale of scale 7. Being an officer in scale 5 does not entitle the complainant to be called a principal veterinary officer as the duties of a principal are of a much higher responsibility.«[10]

25. Fl-*affidavit* tiegħu tat-2 ta' Frar 2016 kompla qal hekk:

> »8. … … … It is evident even from the agreement that she was not engaged to perform duties related to the post of principal veterinary officer which is part of the senior management positions as she had to take instructions from senior government officials. Therefore the fact that she was paid at the maximum of scale 5 is not in any way related to post of principal veterinary officer, which is the most senior position in the veterinary stream, or to the duties related to such a position.« [11]

26. Fix-xiehda tiegħu mogħtija fis-seduta tat-3 ta' Novembru 2016 quddiem l-ewwel qorti ix-xhud Dennis Buttigieg ikkonferma din ix-xiehda ta' Roberto Balbo hawn fuq. Dennis Buttigieg qal hekk:

> »Il-grad ta' *principal veterinary officer* huwa grad separat u distint minn dak ta' *officer in scale 5* huwa fil-fatt aktar anzjan minnu. *Nonostante* dan xorta huwa grad li jaqa' fi *skala* 5.«[12]

27. L-ewwel qorti għalhekk għamlet sew meta ċaħdet l-ewwel talba attriċi.

28. Fit-tieni talba tagħha l-attriċi mbagħad titlob lill-qorti sabiex "tiddikjara li, b'żieda mal-ittra tal-ħatra datata 25 t'Ottubru 2013, l-esponenti qed iżżomm ukoll id-drittijiet u l-benefiċji kollha assoċjati mal-*veterinary stream*

---

10 *Fol*. 77.

11 *Fol*. 362.

12 *Fol*. 489.

u dan minkejja l-karika tagħha skont l-imsemmija ittra hija dik ġenerika ta' *officer in scale 5*".

29. Ix-xiehda fl-atti turi b'mod ċar illi l-karika ta' *officer in scale 5* m'hijiex parti mill-klassi veterinarja. Dan il-fatt ġie kkonfermat kemm-il darba, fosthom mix-xhieda Dennis Buttigieg u Leo Bonnici, u mill-attriċi appellanti stess.

30. Fl-*affidavit* tiegħu tal-21 t'Awissu 2016 Dennis Buttigieg igħid hekk:

> »Sallum il-ġurnata Dr Gabriella Fumia għadha tokkupa l-karika ta' *officer in scale 5* liema karika mhijiex parti mill-klassi veterinarja ... … …«[13]

31. Tassew illi, fix-xhieda mogħtija quddiem l-ewwel qorti fit-3 ta' Novembru 2016 ix-xhud ikompli jgħid hekk:

> »... ... ... L-iskop ta' *officer in scale 5* hu li jiggarantixxi s-salarju ta' skala 5 però bis-saħħa tal-grad sostantiv għal ftehim ta' klassi partikolari. Fil-fatt ir-rikorrenti grazzi għal grad tagħha sostantiv għadha fil-*veterinary stream* ... ... ... Kif għidt qabel l-iskala 5 qegħda hemmhekk biex tiggarantixxi s-salarju f'dak il-*bracket* partikolari. Din hi ħatra ġenerika fi ħdan iċ-Ċivil. Ninforma lill-qorti li kull *allowance* għandha skop partikolari għalfejn qed titħallas. Il-ħatra ta' *officer in scale 5* tinkorpora is-salarju bażiku u *allowances* oħra skont kif japplikaw.«[14]

32. Ix-xhud Leo Bonnici wkoll ikkonferma dan fix-xiehda tiegħu mogħtija quddiem l-ewwel qorti fid-9 ta' Diċembru 2015. Hu qal hekk:

> »... ... ... Mistoqsi jekk ir-rikorrenti tiffurmax parti mill-i*stream veterinarju* ngħid iva ... ... ... a bażi tal-grad illi għandha ta' uffiċjal veterinarju fi skala 8 ... ... ... Għalhekk ir-rikorrenti tappartjeni għal klassi tal-mediċina veterinarja mhix bin-nomenklatura ta' uffiċjal ... … … fi skala 5 iżda bis-saħħa tal-grad permanenti sostantiv ta' uffiċjal veterinarju fi skala 8 … … …
>
> »... ... ... Ninforma lill-qorti illi r-rikorrenti tgawdi minn żewġ nomenklaturi, l-ewwel waħda hija dik ta' uffiċjal veterinarju fi skala 5; nippreċiża uffiċjal fi skala 5 li din tindika stat indefinit ta' impjieg tagħha mal-gvern wara li kellha kuntratt preċedenti li kien wieħed definit. *Oltre* dan għandha wieħed mill-erba' gradi kontemplati fil-ftehim in diżamina elenkat fil-paragrafu numru 4 *a fol.* 62 tal-proċess u għandha dak ta' uffiċjal veterinarju fi skala 8. Għalhekk ir-rikorrenti għandha żewġ karigi. Ir-rikorrenti tidħol fil-

[13] *Fol*. 413.

[14] *Fol*. 488.

> *veterinary stream* pattwit kif jidher *a fol*. 62 tal-proċess a bażi tal-grad illi għandha ta' uffiċjal veterinarju fi skala 8 ... ... ...
>
> »In-nomenklatura ta' uffiċjal fi skala 5 m'għandha x'taqsam xejn mal-klassi tal-veterinarji għax hemm kwantità kbira ta' posizzjonijiet differenti fis-Servizz Pubbliku illi jaqgħu fil-kategorija ta' skala 5 li jekk ma jkunx hemm raġuni oġġettiva wara erba' snin isir uffiċjal fi skala 5 ... … …«[15]

33. Huwa minnu wkoll illi l-ittra tal-ħatra tal-attriċi bħala *officer in scale 5* tal-25 t'Ottubru 2013 tipprovdi illi din il-ħatra saret mingħajr preġudizzju għall-grad sustantiv tagħha. Madanakollu, peress li l-karika l-ġdida tagħha bħala *officer in scale 5* ma tiffurmax parti mill-*veterinary stream*, u l-attriċi appellanti aċċettat din il-karika, hi ma tistax tkun intitolata għall-benefiċċji u d-drittijiet assoċjati mal-imsemmija *stream*, ħlief jekk tiddeċiedi li tirriżenja minn din il-karika u tmur lura għall-grad permanenti u sostantiv tagħha ta' uffiċjal veterinarju fi skala 8. Huwa f'dan is-sens li għandu jiġi interpretat dak li jingħad fl-ittra tal-ħatra tagħha: meta, fl-ittra tal-ħatra, jingħad illi "din il-ħatra qegħda ssir mingħajr preġudizzju għall-grad sustantiv tiegħek" dan ifisser illi l-attriċi appellanti xorta waħda tista' tiddeċiedi li tirriverti lura għall-grad permanenti u sostantiv tagħha f'każ li tiddeċiedi li tirriżenja mill-karika li preżentement tokkupa ta' *officer in scale 5*. Madanakollu, ma tistax tippretendi li tgawdi mill-benefiċċji assoċjati mal-*veterinary stream* waqt li tokkupa l-karika ta' *officer in scale 5*.

34. Dan fissru tajjeb ix-xhud Dennis Buttigieg fl-*affidavit* tiegħu tal-21 t'Awwissu 2016:

> »... ... ... Il-grad sustantiv tagħha ta' *veterinary officer* għadu wkoll jappertjeni lilha iżda meta hi aċċettat il-ħatra ta' *officer in scale 5* il-benefiċċji ta' dik il-ħatra prevalew u għadhom qed jipprevalu fuq dik ta' *veterinary officer*.

---

15 *Foll*. 87 *et seqq*.

> »Dan ma jfissirx illi hi tilfet il-grad sustantiv tagħha ta' *veterinary officer*. Dawn iż-żewġ nomenklaturi qed jeżistu flimkien.«[16]

35. Dan il-fatt għarfitu l-attriċi stess fl-ittra tagħha mibgħuta lill-konvenuti u lill-Avukat Ġenerali fl-14 ta' Jannar 2014, tant li f'din l-ittra ssostni li l-ħatra tagħha bħala *officer in scale 5* "għandha tiġi sostitwita b'ħatra fil-karika ekwivalenti fil-*veterinary stream* u *cioè* bħala *principal veterinary officer in scale 5*"[17].

36. Fl-*affidavit* tagħha tal-20 ta' Jannar 2015 l-attriċi tgħid hekk:

> »… … … although through such appointment I finally garnered an indefinite contract of employment as was my right in terms of law, through the above-mentioned simple appointment as an officer I was also required to lose, in breach of the same law, all rights associated with the veterinary stream of which I formed part including all such rights associated with the 'veterinary stream' in terms of the relative collective agreement ... ... ...«[18]

37. Għal dawn ir-raġunijiet, u peress li l-attriċi appellanti aċċettat din il-karika l-ġdida ta' *officer in scale 5*, karika li m'hijiex parti mill-*veterinary stream*, ma tistax issa tippretendi li titħallas salarju ekwivalenti għal dak ta' *officer in scale 5* u li żżomm ukoll id-drittijiet u l-benefiċċji kollha assoċjati mal-*veterinary stream*. Dan ma jfisirx li tilfet id-drittijiet tal-grad sostantiv tagħha; ifisser biss li ma tistax tinqeda bihom sakemm għadha fil-grad "prevalenti" li għandha fil-preżent.

38. It-tieni aggravju wkoll huwa għalhekk miċħud.

39. It-tielet aggravju jolqot iċ-ċaħda tat-talba għal-likwidazzjoni u ħlas ta' arretrati ta' pagi, *allowances* u benefiċċji oħrajn u danni oħra li l-attriċi

---

[16] *Fol*. 413.

[17] *Fol*. 8.

[18] *Foll*. 30 *et seqq*.

tgħid li ġarrbat minħabba d-deċiżjoni tal-konvenuti. Billi, għar-raġunijiet mogħtija fuq, dik id-deċiżjoni kienet waħda tajba, dan l-aggravju wkoll ma jistax jintlaqa'.

40. Il-qorti għalhekk tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

41. L-ispejjeż tal-appell tħallashom l-attriċi.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da